MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Numru. 961/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**versus**

**Jonathan Joseph Darmanin**

## Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Jonathan Joseph Darmanin bin Austin u Antoinette imwielda Debattista u l-imputat twieeld f'Ħ'Attard fl-10 ta' Marzu 1975 u joqgħod Valleyville Triq il-Ġiżi Swieqi ID 224075 (M)

Akkużat talli fit-18 ta' Diċembru 2004 u matul is-snin preċedenti bħla detentur tal-fond 13/15 Triq il-Barrieri, Mosta b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda kisser il-gummi tas-

servizz ta’ l-elettriku u cioe’ tal-meter tad-dawl installat fl-istess fond u b’mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-użu jew il-konsum elettriku jew li bihom seta’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fl-istess meter tal-kwantita’ meħdua jew ikkonsmata kkommetta serq tal-kurent elettriku ta’ valur iktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1000 (elf lira Maltija) liema serq huwa aggravate bil-mezz, valur u ħin għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid, il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali ta’ l-10 ta’ Novembru 2004, il-kunsens ta’ l-imputat li dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol.5), l-Proċes Verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Consuelo Scerri Herrera fl-atti ta’ l-Inkjesta ‘Meter tad-dawl allegatament imbagħbas fil-fond numru 13/14 Triq il-Barrieri l-Mosta’ (12 ta’ Marzu 2004) u l-verbal tad-9 ta’ Novembru 2005 li fih id-difiża ddikjarat li qed taċċetta li dak li sabu l-esperti nominati fl-inkjesta, cioe’ Horace Anastasi u Paul Pantelleresco[1], huwa minnu u m’hemmx għalfejn jerġgħu jixhdu. Id-Difiża aċċettat dak li sabu pero’ mhux taċċetta li t-tbagħbis sar mill-imputat. Fl-istess verbal id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ x-xhud tar-rapport PS 1174 Adrian Sciberras waqt li l-partijeit qablu li d-difiża ma kellux għalfejn ittella’ l-kuntraturi biex jikkonfermaw il-veraċita’ tal-kopji fotostatiċi tal-kontijiet imħallsa minn Jonathan Darmanin fl-istrutturar tad-dar in kwistjoni u għalhekk ittieħdu bħala vera kopji ta’ l-oriġinal. Kien hemm qbil ukoll illi Jonathan Darmanin fil-perjodu in kwistjoni kien jgħix f’Valleyville, Triq il-Ġiżi. Ta’ l-Ibraġġ u mhux fil-fond in kwistjoni.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

4. Rat id-dokumenti esibiti

Ikkunsidrat

5. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fit-18 ta’ Frar 2004, għall-ħabta ta’ l-10.45 a.m. ta’ filgħodu Paul Pantelleresco,

[1] Fil-fatt Paul Pantellereco mhux espert iżda uffiċjal tal-Korporazzjoni Enemalta.

senior tradesman mal-Korporazzjoni Enemalta, kif ukoll is-sur John Tanti, assistant fitter ma' l-istess Korporazzjoni, kienu irraportaw lill-Pulizija li meta kien qed jagħmel spezzjoni fil-meter tad-dawl tal-fond numru 13/14 Triq il-Barrieri Mosta, kien nnota li l-meter kellu toqba fuq in-naħa tax-xellug tiegħu tal-cover u minħabba f'hekk issuspettaw li seta' kien qed isir jew li sar xi serq tal-kurrent elettriku. Il-Pulizija infurmaw lill-Maġistrat ta' l-Għassa li ħatret lis-Sur Horace Anastasi bħala espert.

6. Is-Sur John Tanti xehed li t-toqba kienet fil-meter livell tad-disk waqt li s-service box ta' taħt, dik is-sewda, wkoll ma kienx fiha siġilli. It-toqba kienet miżduda wkoll bil-hard metal.

7. Ian Vella, rappreżentant ta' l-Enemalta xehed li kienu għamlu stima tad-dawl allegatament misruq u din kienet ta' Lm67 bbażata fuq konsum minn għoxrin lampa. Din l-istima tkopri l-perjodu 12 t'April, 2003 sa 18 ta' Frar 2004. Ma saret ebda stima dwaqr il-perjodu meta d-dar kienet ikkoputa minn ħadd ieħor. Huwa qal li l-meter instab imbagħbas fit-18 ta' Frar 2004 u kienu marru fuq il-post wara li l-imputat kien applika biex ikun installat t-Three Phase. Fil-post la kien hemm fridges, la televisions, la air conditioners, la water heater u lanqas kuker ta' l-elettriku.

8. Mill-Proċes Verbal jirriżulta li l-imputat kien responsabbli tal-meter għaliex kien il-konsumatru rreġistrat iżda fl-istess sentenza jgħid 'jidher li mhux responsabbli tar-reat idnikat'. (fol.15). L-espert qal ukoll li d-danni huma minimi u kkonkluda li sentejn qabel kienet ittaqbet l-għata tal-meter sabiex tiddaħħal xi ħaġa iebsa u rqiqa biex iżżomm id-diska u ma jirreġistrax il-konsum. L-imputat kien xtara l-fond fit-12 ta' Lulju 2002 minn għand Wolf Bohn, ta' nazzjonalita' Ġermaniża, li meta sar r-rapport kien imsiefer għalkemm dan ġielei jiġi Malta. L-arloġġ huwa tal-marka Hollinwood Ferranti ta' l-Ingilterra AC – Single Phase Two Wire bin-numru tas-serje 10063760 u li qed jaqra 3993. Fuq id-diska kien hemm sinjali ta' brix.

**Xhieda difiża**

9. L-imputat xehed li għadu sa llum (9 ta' Novembru, 2005) jgħix m'ommu., missieru u ħuh u mhux fil-fond fejn instab l-arloġġ imbagħbas. Meta xtara l-propjeta' din kellha bżonn conversion u dawn ix-xogħlijiet jieħdu ħafna żmien. Huwa kien applika biex idaħħal it-Three Phase. Meta kienet qed issir l-ispezzjoni, l-imputat kien ix-xogħol u mar fuq il-post mill-ewwel biex jispjega li tiegħu kien każ ġenwin għax dan lanqas biss kien qiegħed hemm. L-imputat ippreżenta għadd ta' dokuemnti fosthom il-kuntratt ta' loan and sale fl-atti tan-Nutar Dr.Pierre Attard tat-12 ta' Lulju, 2002 kif ukoll riċevuti bid-dati li juru x'xogħol kien qed isir bejn id-data msemmija fil-kuntratt sa April 2005.

**Punt ta' Liġi.**

10. Skond l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tezisti preżunzjoni juris tantum li min ikollu l-kontroll ta' fond huwa preżunt li jkun jaf li jkun qed isir il-konsum illeċitu. Din il-preżunzjoni taqa' ġaladarba l-persuan li jkollha l-kontroll tipprova mod ieħor.

11. Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ odjern. l-imputat ta' prova fuq bażi ta' probabilita' li t-tbagħbis tal-meter ma kienx sar minnu minħabba li hu ma kienx ilu li xtara l-post, ma kienx hemm appliances fiż-żmien ta' meta saret l-ispezzjoni jew fil-jiem ta' qabel u ta' wara, li l-post ma kienx joqgħod fih u kien għadu sal-jum meta kien xehd ma joqgħodx fih, kif ukoll li kien ħa l-inizjattiva hu meta applika għat-Three Phase sabiex jiġu l-ispetturi ta' l-Enemalta. Għalhekk huwa ssodisfa l-Kap tal-Liġi bil-provi li ġab.

12. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 264(2) tal-Kap 9, qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------